MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 95/2004

**“A”.**

**vs.**

**“B”.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta’ Marzu 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom fis-sitta (6) ta' Ottubru 2000 skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dokument "A",

Illi dan iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null, billi ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-istess

kuntratt kien vizjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u dan kif dispost fis-**sub-inciz (1)(d) tal-artikolu 19 tal-Kap 255**, kif ukoll peress illi l-kunsens inkiseb bl-ezkluzjoni posittiva ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kif dispost fis-**sub-inciz (1) (f) tal-artikolu 19 tal-Kap 255**;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-sitta (6) ta' Ottubru 2000 huwa null u bla effett legali u dan kif previst fl-**atrikoli 19 (1) (d) u 19(1) (f) tal-Kap 255**;

(ii) Konsegwentement tordna li din in-nullita tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti sabiex il-partijiet iresqu l-provi taghhom bil-procedura ta’ l-affidavits moghti lill-partijiet fis-26 t’April 2004 fejn il-Qorti ppreffiggiet terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-8 ta’ Lulju 2004 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament l-eccipjent jiddikjara li ma jopponix ghat-talba attrici li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, izda mhux ghar-ragunijiet indikati mill-attrici;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent jiddikjara illi l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu mressqa mill-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255**;

4. Illi l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew b'xi wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg, skond l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**.

5. Illi effettivament, in-nullita` taz-zwieg hija imputabbli lill-attrici;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din l-Qorti tal-22 ta' Novembru 2004.

Rat in-nota tal-konvenut **"B"** tas-6 t'April 2005 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess (fol 18), ta' missieru **"C"** (fol 26) u taz-ziju tieghu **"D"** (fol 31).

Rat il-verbal tas-26 t'April 2005 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha ta' l-affidavits tal-partjiet tas-26 t'April 2004 bit-terminu jibda jiddekorri mid-data ta' l-istess seduta. Il-Qorti ivvervalizzat li l-konvenut jidher li gja kien ipprezenta l-affidavits tieghu u ordnat li huwa ghandu jinnotifikahom lill-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-1 ta' Novembru 2005.

Rat in-nota tal-attrici **"A"** tas-17 ta' Mejju 2005 fejn prezentat l-affidavits taghha stess (fol 35), ta' **Andrew Galea** (fol 42), ta' **Agens Galea** (fol 45) u ta' **Anita Zammit** (fol 49).

Rat il-verbal tas-seduta tal l-1 ta' Novembru 2005 fejn dehru Dr Michael Tanti Dougall ghall-konvenut prezenti u Dr Mario De Marco ghall-attrici prezenti li talbu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici qed tibbaza t-talbiet taghha fuq id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi dawn l-artikoli jaqraw hekk:-

**Artikolu 19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** jinghad li l-kuncett tad-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only*

*maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly*.

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in ***"*L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gja` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP)

29 ta’ Mejju 2002; **“Romina Zammit vs Paul Zammit”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f’dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **“Josette Lungaro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta’ ***Viladrich*** li jghid:-

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* (***Viladrich, P.J.*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated”** (Montreal, 1993) p. 686).

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is*

*important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

**artikolu 19 (1) (f):-** *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”.*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) inghad illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Carmen Camilleri vs Anthony Camilleri”** (P.A. (RCP) 29 ta’ April 2003):-

*“f’dan is-sub-artikolu l-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista’ jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif*

*il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur* ***F. Anzar Gil*** *fil-ktieb tieghu:* ***"El nuevo derecho matrimonial canonico"*** *jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-*

*"Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta'  in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Marica Mizzi vs Mario Scicluna"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002 *"ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma ikunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata".*

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria  volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione  in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'."* (***J.F. Castano'*** **- Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi kif riaffermat fis-sentenza **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002) *"l-ligi fl-* ***artikolu 19 (1) (f)*** *taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha  bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti*

*simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta'l-obbligu tal-fedelta lejn il-parti l-ohra".*

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta' u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* **(*O. Giacchi* – "*Il consenso matrimoniale canonico"*).**

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine"*** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP)

30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP) u diversi ohrajn moghtija minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta’ Ottubru 2000 u ma kellhomx tfal u jidher li huma sseparaw legalment

Illi l-partijiet jidher li kienu ilhom jafu lil xulxin mis-sena 1995 meta l-konvenut kellu 22 sena u l-attrici kellha 20 sena; jidher li ghall-ewwel li ltaqa’ mal-attrici l-konvenut kellu problemi fid-dar tal-genituri tieghu fis-sens li dawn kienu sfortunatament ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni li ovvjament kellhom l-effett taghhom fuqhom; jidher li huwa anke minhabba dan ingibed iktar lejn l-attrici u beda jmur iktar spiss ghand il-genituri taghha, tant li kien beda jorqod spiss ghandhom ukoll, bil-kunsens tal-genituri tal-attrici stess – ghalkemm ix-xhieda tal-attrici donna trid tindika li kienu sa certu punt sforzati jaghmlu dan minhabba l-problemi li l-familjari ta’ l-konvenut kien ghaddej minnhom.

Ill hawn jidher car li mix-xhieda taghha l-attrici tghid li hija kienet baqghet ma’ l-konvenut peress li kienet qed tithassru – haga li l-konvenut lanqas jidher li nduna biha – ghalkemm kien konxju tal-fatt li l-istess attrici kienet poggiet ix-xoghol u l-karriera taghha fuq kollox – u dan jirrizulta car wkoll mill-affidavit ta’ l-attrici stess; mix-xhieda taghha l-attrici johrog car li hija taghmel enfazi kbira fuq il-fatt li skond hija kienet ma’ l-konvenut u kompliet mieghu fuq kollox ghaliex kienet tithassru fis-sitwazzjoni li kien sab ruhu fiha u dan ghalkemm hija stqarret li minn kmieni kellha dak li hija sejhet bhala *“hsibijiet u dubji li “B” ma kienx ir-ragel ghaliha….”.* Minkejja dan kollu jidher li l-istess attrici ma uriet xejn minn dawn il-hsibijiet lill-konvenut anzi tghid li kienu ddecidew li jizzewgu fid-29 ta’ Gunju 2000, izda l-istess attrici tammetti li f’Jannar 2000 hija hasset *“ir-relazzjoni tieghi u ta’ “B” ma kellhiex bazi soda biex niehdu dan il-pass taz-zwieg u nibnu familja. Ghalhekk iddecidejt li nerga’ nhassar l-gherusija. Fix-*

*xahar ta' Frar konna rrangajna, pero' qatt ma semmejna zwieg aktar".*

Illi wara li esprimiet dawn is-sentimenti kollha l-attrici tghid li fix-xahar ta' Gunju 2000 kellha ssifer minhabba xoghol u ghamlet diversi gimghat barra minn Malta; hija tispjega ghaliex hija ddeciediet li tizzewweg b'dan il-mod:-

*"Dan il-fatt gghelni nimmisja hafna l-familja u l-istabbilta` li ggib maghha. B'hekk iddecidejt li d-destin tieghu kellu jkun li niehu hsieb ta' "B" matul il-kumplament ta' hajti. Ghalhekk wara li rritornajt minn barra, ergajna ddiskutejna l-possibbilta` li nizzewgu. Ghal ewwel "B" rrifjuta imma jiena kkonvincejtu li dak kien l-ahjar ghalina  t-tnejn. "B" kien accetta".*

Illi certament li dan ma huwiex l-animu u l-impenn necessarju sabiex wiehed jizzewweg u jidher li l-attrici, bla ebda dubju ta' xejn kellha nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u dan ghaliex jidher car li l-attrici zzewget lill-konvenut mhux ghaliex kienet thobbu, izda ghaliex hasset li l-istat ta' mara mizzewga kien l-iktar wiehed adatt ghaliha ghaliex kien jaghtiha stabbilta` f'hajjitha u dan minkejja l-fatt li jidher car li f'hafna istanzi fix-xhieda taghha turi li mhux biss ma kienitx thobb lill-konvenut izda kien hemm affarijiet fih li kienu jdejquha hafna u fuq kollox kellha dubji kbar, anzi kienet taf, li dan ma kienx ir-ragel ghaliha; jidher li dahlet f'dan l-istitut qisha ma kellhix ghazla ohra x'taghmel u jidher li lanqas minimu ta' impenn ma kellha, tant li hija tghid li wara z-zwieg hija u l-konvenut baqghu jghixu hajja indipendenti minn xulxin – tghid li kienu jghixu hajja kompletament separata u taghti diversi ezempji ta' dan – tghid li l-prioritajiet taghhom kienu distinti minn xulxin u hekk tghid li f'Jannar 2003 hija informat lill-konvenut li kienet lesta li tissepara u fil-fatt hekk sehh, u dan ghaliex l-istess partijiet ma kellhom bazi ta' xejn fuq x'xhiex jaqaw fuqha u din il-Qorti thoss li certament il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat abbazi ta' l-**artikou 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi l-istess jista' jinghad ghall-kunsens ta' l-konvenut peress li jidher car li minkejja l-fatt li l-konvenut kien konxju tal-fatt li l-attrici ma kienet xejn konvinta dwaru huwa xorta wahda wasal li qabel maghha li jizzewgu, u dan anke jekk dan sehh wara li ftit biss qabel kienet l-attrici li habta u sabta kienet hassret minn mieghu; jidher car li l-istess konvenut kien affett mill-problemi li kellu id-dar tal-genituri tieghu, u allura ghazel li jipprova jahrab mill-istess u l- attrici kienet l-unika triq ghalih, u dan minkejja l-fatt li huwa jghid fl-affidavit tieghu li l- attrici kienet bniedma li kienet poggiet ix-xoghol u l-karriera fuq kull relazzjoni u skop iehor fil-hajja; b'hekk din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-kunsens ta' l-konvenut kien ukoll vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dan huwa wkoll rifless bil-mod kif il-partijiet jidher li kiesah u biered accettaw li jisseparaw minn xulxin fejn jidher mid-dokument "A" esebiet a fol. 28 *et sequitur* tal-process li ma kien hemm ebda element ta' imhabba u *consortium vitae* bejniethom, u dan ghaliex kien ovvju ghalihom stess li ma kien ebda bazi ta' emozzjoni u impenn ta' hajja mizzewga bejniethom.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma dak fuq deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-sitta (6) ta' Ottubru 2000 huwa null u bla effett legali u dan kif previst fl-**artikoli 19 (1) (d) tal-Kap 255** u dan peress li l-kunsens ta' kull parti kien hekk vizzjat.

(ii) Konsegwentement tordna li din in-nullita tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------